# Uffiċċju tan-Negozji tal-Familja

## MIN AĦNA

L-Uffiċċju tan-Negozji tal-Familja (FBO) jippromwovi l-kontinwità tan-negozji tal-familja, li għandhom rwol essenzjali fl-ekonomija. L-uffiċċju joffri servizzi li jindirizzaw l-isfidi. L-FBO jipproċessa applikazzjonijiet minn negozji biex jiġu rikonoxxuti bħala negozji tal-familja. Rikonoxximent formali bħala negozju tal-familja jipprovdi aċċess għal servizzi ta' konsulenza u medjazzjoni, pjanar strateġiku u ta' suċċessjoni, kif ukoll it-trasferiment tan-negozju. B'hekk jiżgura s-sostenibbiltà minn ġenerazzjoni għal oħra. L-FBO jippromwovi wkoll inċentivi mfassla biex jgħinu lin-negozji tal-familja kemm materjalment kif ukoll finanzjarjament.

## L-IMPENN TAGĦNA LEJN IL-KLIJENTI

Livell ta' servizz li wieħed jistenna meta jikkuntattja jew iżur l-Uffiċċji tagħna:

- Aħna se nittrattawk b'rispett u b'mod professjonali.
- Aħna niggarantixxu l-kunfidenzjalità fuq kwalunkwe skambju ta' informazzjoni.
- L-istandards tas-servizzi tagħna huma konformi mad-Direttiva 4-2 Standard għas-Servizz ta' Eċċellenza offrut mill-Amministrazzjoni Pubblika lill-Impjegati Pubbliċi.
- Il-lista tas-servizzi offruti tinsab fil-ħolqa li ġejja: *https://familybusiness.org.mt/*

## X'GĦANDEK TISTENNA META TIKKUNTATTJANA

L-informazzjoni kollha tingħata kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Aħna nimpenjaw ruħna li nwieġbu l-mistoqsija tiegħek fi żmien jum 1 tax-xogħol, jew skond il-perjodi ta' żmien stipulat fid-Direttiva 4-2.

### Meta tikkuntattjana bit-telefon

Nimpenjaw ruħna li nwieġbu mat-3 darba li jdoqq it-telefon, b'mod ċar u b'għarfien. L-uffiċjali ser jidentifikaw ruħhom u jittrattawk b'kortesija u rispett.

### Meta żżur l-Uffiċċji tagħna

L-uffiċċji tagħna joffru ambjent nadif u sigur, u se niżguraw li s-servizzi tagħna jkunu aċċessibbli għal persuni b'diżabilità. Il-ħin ta' stennija se jkun ta' madwar 15-20 minuta f'ċirkustanzi normali.

### Meta tikkuntattjana permezz ta' ittra jew email

Se nibagħtu konferma fi żmien jum 1 tax-xogħol minn meta nirċievu l-ittra jew l-email tiegħek.

### Appuntamenti

Tweġibiet għal talbiet għal appuntamenti jiġu provduti fi żmien 1 jum tax-xogħol, bid-data tal-appuntament tkun fi żmien 10 t'ijiem tax-xogħol mid-data tat-talba.

## RESPONSABBILTAJIET TAL-KLIJENT

Il-klijenti huma mistennija li: Jipprovdu informazzjoni kompluta u korretta. Jittrattaw il-ħaddiema b'kortesija u rispett. Iżommu mal-ħinijiet u l-appuntamenti allokati meta applikabbli.

## AĦNA NIVVALUTAW IL-FEEDBACK TIEGĦEK

Jekk tixtieq tissottometti feedback, suġġerimenti, jew ilmenti ġentilment:

- Ikkuntattjana skont id-dettalji murija hawn: *familybusinessact@gov.mt*
- Permezz tas-servizz.gov billi ċċempel fuq 153, jew online fuq *Issottometti ilment*

Il-kunfidenzjalità tiegħek tkun garantita. Tirċievi l-feedback tagħna fi żmien 3 ijiem tax-xogħol.

## KIF TIKKUNTATTJANA

- L-Uffiċċju tan-Negozji tal-Familja, Tigne Point Malta Investment Management Ltd, Clock Tower, Sliema, Malta
- Mit-Tnejn sal-Ġimgħa: 08:00-16:30; Sibtijiet, Ħdud u Festi Pubbliċi : Magħluqa
- Sabiex jiġi ffaċilitat il-kuntatt mad-dipartment: *https://familybusiness.org.mt/*; *familybusinessact@gov.mt*; +356 2149 7970
- Permezz tal-midja soċjali: